# KELMET IL-KOBOR

*Hija l-għażiż, illum m'għadx għandek biża'*
*Tistqarr min int—bħalma għamilt f'xi jiem:*
*Kont tistħi dari u tilgħab wisq bil-kliem;*
*Il-kelma "Malti", fost l-oħrajn, taqbiżha.*

*Le! kun iljun (u għandek biex), tkunx wiżgħa:*
*Stqarr: "Jiena Malti." b'wiċċek minn quddiem!*
*Taf li l-barrani llum iroddlok sliem*
*U l-ebda klejma 'l-Gżira ma tniggiżha.*

*Il-ġieħ bla tebgħa u Malta mhix mimsusa!*
*Qalbiena wliedha u ma jibżgħux min-nar!*
*Għalhekk kif toħroġ minn ġo fommok, busha*

*Il-kelma "Malti"—isem ġens l-azzar!*
*Ma tinkiserx u ma tiksrekx, meqjusa*
*Kif inhi llum: mhix kelma tal-fuħħar!*

ALBERT M. CASSOLA.